**PARLAMENT TA' MALTA**

**Mistoqsijiet Parlamentari**

Parlament Leġiżlatura XV

Seduta Numru 10

It-Tnejn, 13 ta' Lulju, 2026 fl-4:00 p.m.

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

### TRAFFIKU - MIŻURI

**51. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri konkreti qegħdin jittieħdu sabiex tittaffa l-problema tat-traffiku f'Malta, fid-dawl tal-fatt li skont l-indiċi tat-TomTom, it-traffiku f'Malta huwa t-tieni l-agħar fid-dinja?

22/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-indiċi tat-TomTom iċċitati mhuwiex l-aqwa kejl peress li jirreferi għal perjodu u żona partikolari madwar il-Belt Valletta u ma jirriflettux is-sitwazzjoni nazzjonali kollha.
Miżuri ttieħdu u għadhom qed jittieħdu kemm taħt Reshaping our Mobility kif ukoll bit-twettiq tal-pjan Malta in Motion.

Seduta Numru 10
13/07/2026

### TALLINJA CARD

**53. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid meta ġiet introdotta t-Tallinja Card? Jista' jgħid ukoll kemm hi l-ispiża biex tagħmel Tallinja Card ġdida u kemm kienet tiswa Tallinja Card ġdida meta ġiet introdotta?

22/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ġiet introdotta fl-2015. Din hija proprjetà ta' Malta Public Transport Ltd. Din illum tiswa €5.00 u €25.00, liema charge jiġi determinat esklussivament mill-kumpanija u mhux mill-Gvern.

Seduta Numru 10
13/07/2026

### TALLINJA CARD - APP

**54. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjan biex persuni jkunu jistgħu jużaw l-app, minflok it-Tallinja Card fuq il-karozzi tal-linja?

22/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-Tallinja Card hija proprjetà tal-Malta Public Transport. L-operatur tas-servizz tat-transport Pubbliku għandu wkoll mobile app, illi fl-aħħar sena, ġiet imsaħħa b'aktar funzjonalitajiet, fosthom l-għoti ta' informazzjoni f'ħin reali dwar is-servizz, biex il-passiġġieri jkunu jistgħu jippjanaw il-vjaġġ tagħhom b'aktar faċilità. Infurmat li fl-istess waqt, għaddejjin diskussjonijiet dwar aktar titjib li jista' jiġi implimentat, bil-għan li nkomplu nsaħħu s-servizzi diġitali offruti lill-pubbliku u jitkompla jitjieb is-servizz tat-trasport pubbliku.
Barra minn hekk, il-pjan *Malta in Motion* jinkludi viżjoni aktar wiesgħa ta' mobbiltà integrata, li permezz tagħha ser tiġi żviluppata pjattaforma diġitali waħda li tgħaqqad il-modi differenti tat-trasport f'app waħda. Dan ser jagħmilha aktar faċli għall-utenti biex jippjanaw u jużaw diversi mezzi ta' trasport minn pjattaforma waħda.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**ĠESTJONI U MIŻURI RELATATI MAT-TRAFFIKU – UŻU TAL-AI**

**494. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-progress tal-Gvern fl-użu jew l-adattament tal-intelliġenza artifiċjali (AI), fil-ġestjoni tat-traffiku u fil-miżuri relatati mat-traffiku? Jista' jgħid ukoll liema proġetti pilota, tenders jew sistemi diġà ġew ippjanati jew implimentati?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-materja qed tiġi indirizzata fuq żewġ binarji.

L-ewwel hija l-*upgrading* tas-sistemi diġitali li diġà kienu għad-dispożizzjoni ta' Transport Malta, li aktar ma jgħaddi żmien aktar ser jidħlu fihom *features* tal-AI. Per eżempju, l-*Adaptive Traffic Control* diġà qed jara li numru ta' *traffic lights* f'Malta jużaw l-AI u uħud minnhom diġà qed jintużaw.

Mit-tieni binarju, għaddejjin proġetti oħra li d-dettalji tagħhom jingħataw iktar 'il quddiem biex l-iktar areas kritiċi tar-*road network* tal-pajjiż ikollhom traffic management bl-AI.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**PERSUNI B'DIŻABILITÀ – RESERVED PARKING BAYS**

**507. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw reserved parking bays għal persuni b'diżabilità minn Jannar 2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar? Jista' l-Ministru jaqsam din l-informazzjoni wkoll skont it-tip ta' reserved parking bay (personalised, communal, eċċ.)?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-parkeġġi riservati għall-persuni b'diżabilità jiġu allokati wara l-approvazzjoni tassattiva tal-Bord Mediku maħtur mill-Aġenzija Sapport, li jevalwa u jiddeċiedi kull applikazzjoni skont il-kriterji stabbiliti.

Kif indikat fit-tabella li ġejja, in-numru ta' parkeġġi allokati għall-persuni b'diżabilità li ngħataw fl-2025 u fl-2026 huma:

| Sena | Parkeġġi Personalizzati | Parkeġġi Komunali |
|---|---|---|
| **2025** | 469 | 122 |
| **2026** | 260 | 75 |

Seduta Numru 10
13/07/2026

**GĦAWDEX - PORT TAL-IMĠARR - STRUTTURA TAT-TINED LI JSERVU BĦALA KENN GĦALL-PASSIĠĠIERI**

**551. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 186 li oriġinarjament saret lill-Ministru għal Għawdex u jgħid jekk l-istruttura tat-tined li sservi bħala kenn għall-passiġġieri li jużaw il-fast ferry fil-Port tal-Imġarr f'Għawdex, hijiex struttura temporanja jew struttura permanenti? Jekk hija struttura temporanja, jista' jgħid meta hemm il-ħsieb li tinbidel għal struttura permanenti li tkun aktar adegwata għall-passiġġieri li jużaw il-fast ferry kemm għall-Belt, Valletta kif ukoll għal Buġibba u/jew Tas-Sliema?

01/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fir-rigward tat-terminal li jservi r-rotta Għawdex–Valletta, il-canopies eżistenti ser jiġu sostitwiti, bix-xogħlijiet mistennija jibdew fil-ġimgħat li ġejjin.

Fir-rigward tat-tieni terminal li jservi r-rotta Sliema–Buġibba–Għawdex, it-tinda, il-mobile unit u l-police barriers huma ta' natura temporanja.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**EAP - ĦADDIEMA MIS-SETTUR PUBBLIKU**

**64. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jagħti b'mod ġenerali, x'kienu r-raġunijiet dwar xiex kellhom bżonn l-għajnuna meta rrikorrew għall-Employee Assistance Programme (EAP) fl-2026?

22/06/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor Interpellanta li din l-informazzjoni hija ta'materja privata u sensittiva.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**UNIVERSITÀ TA' MALTA - SENIOR CANTEEN SECTION - SISTEMA TAL-ELETTRIKU**

**65. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjanijiet biex tiġi upgraded is-sistema tal-elettriku fis-senior canteen section tal-Università ta' Malta, fid-dawl li s-sistema ta' bħalissa hija antika u m'hemmx outlets biżżejjed fejn membri tal-istaff ikunu jistgħu jiċċarġjaw l-mobile, tablet jew laptop?

22/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li socket outlets fejn il-membri tal-istaff ikunu jistgħu jiċċarġjaw il-mobile, it-tablet jew il-laptop fis-sezzjoni tas-senior canteen tal-Università ta' Malta ġew installati fix-xhur li għaddew.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**UNIVERSITÀ TA' MALTA - SENIOR CANTEEN SECTION - KMAMAR TAD-WCS**

**66. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjanijiet biex il-kmamar tad-WCs fis-senior canteen section tal-Università ta' Malta jiġu upgraded?

22/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li dawn ix-xogħlijiet ser isiru fil-ġimgħat li ġejjin.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**MALTA – KONTRIBUT LILL-ESA**

**67. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien il-kontribut ta' Malta lill-European Space Agency (ESA) li tmexxi riċerka u programmi spazjali mill-2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

22/06/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ir-relazzjoni istituzzjonali tal-Gvern Malti mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) ġiet stabbilita permezz tal-ftehim PECS li ġie iffirmat nhar il-25 ta' Ottubru 2023, f'Larnaka, Ċipru, u imbagħad irratifikat b'vot unanimu mill-Kamra tad-Deputati, waqt is-seduta parlamentari no. 250 tal-leġislatura preċedenti li tlaqqgħet nhar it-Tnejn, 24 ta' Ġunju 2024.
Il-ftehim PECS mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) ikopri perjodu ta' 5 snin (2024 – 2028). Filwaqt li nirreferi lill-Onor Interpellanta għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari 35139 li ngħatat fis-Seduta 457 tal-14 -il leġislatura li nżammet fit-22 ta' April ta' din l-istess sena, ninfurmaha li l-kontribuzzjoni għas-sena 2026 mistennija tkun ta' €1,725,859.20.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**STUDENTI TAS-SOCIAL WORK – STIPENDJU**

**68. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Fid-dawl li kien ġie deċiż li l-istudenti tas-social work jingħataw stipendju ogħla, jista' l-Ministru jgħid:
i. x'inhuma l-kundizzjonijiet marbuta ma' dan l-istipendju;
ii. x'jiġri jekk l-istudenti jiddeċiedu li ma jkomplux jaħdmu fis-social work wara li jiggradwaw;
iii. jekk huwiex minnu li social workers li jagħżlu li jieħdu stipendju ogħla jkollhom jaħdmu fis-settur pubbliku bilfors u wkoll x'jiġri jekk studenti jiddeċiedu li jaħdmu ma' NGO minflok jaħdmu fis-settur pubbliku; u
iv. kif ser taħdem din il-proċedura u jiżgura li tkun bil-miktub ħalli jserraħ moħħ l-istudenti?

22/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li studenti tal-MCAST u tal-Università ta' Malta li qed jistudjaw għal Baċellerat (mit-tieni sena 'l fuq) jew Maġisteru fis-social work jistgħu jagħżlu li jirċievu stipendju bir-rata ta' prijorità għolja minflok ir-rata preskritta. Biex ikunu eliġibbli, iridu;
* ikunu qed jaħdmu part-time fil-qasam tas-social work, fis-settur pubbliku jew privat, inkluż bħala trainee, apprentice jew f'pożizzjoni simili.
* L-istudenti eliġibbli se jirċievu email mill-uffiċċju tal-istipendji tal-istituzzjoni tagħhom biex jagħżlu jekk iridux jibdew jirċievu r-rata ogħla.
* Wara li jiggradwaw, iridu japplikaw mal-ewwel opportunità għal impjieg full-time bħala social worker, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat. Ir-responsabbiltà li jsibu impjieg hija tagħhom.
* Iridu jwettqu obbligu ta' servizz formali ta' tliet snin fejn l-ewwel sentejn huma marbuta mal-kisba tal-warrant professjonali u t-tielet sena trid titwettaq wara li jiksbu l-warrant.
Irid ikun iċċarat li mhux obbligatorju li jaħdmu fis-settur pubbliku; jistgħu jaħdmu wkoll fis-settur privat.
Infurmat li Jekk wara l-gradwazzjoni ma jaħdmux bħala social workers jew ma japplikawx għall-opportunitajiet ta' xogħol fil-professjoni, ikollhom jirrifondu lura d-differenza bejn l-istipendju bir-rata ta' prijorità għolja u dak bir-rata preskritta.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**STUDENTI TAS-SOCIAL WORK – SALARJU**

**69. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk studenti fi placement tas-social work mill-MCAST qed jirċievu salarju mill-entità fejn ikunu qed jagħmlu l-placement filwaqt li studenti fi placement mill-Università ta' Malta ma jirċevux dan it-tip ta' ħlas?

22/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li b'konformità mal-manifest elettorali Int Malta, din ser tkun waħda mir-riformi ghal din il-leġiżlatura. Tant li l-Manifest jipprovdi dan li gej u ser tkun qed tiġi implimentata f'din il-legizlatura kif imwiegħed. 'Konxji li ħafna żgħażagħ jagħmlu internships u traineeships waqt jew wara l-kors edukattiv tagħhom iżda ma jitħallsux. Se nibdew proċess sabiex it-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol jiġi rrikonoxxut fil-liġijiet tax-xogħol ta' pajjiżna. Permezz ta' din ir-riforma rridu nagħtu ħlas xieraq lil dawn l-istudenti u gradwati, insaħħu l-kwalità tat-tagħlim u nagħtu rikonoxximent formali lil dawn l-esperjenzi ta' xogħol.'

Seduta Numru 10
13/07/2026

**AWTORITÀ TAD-DJAR - PROPRJETAJIET - MANUTENZJONI - NEFQA**

**99. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet in-nefqa fuq il-manutenzjoni tal-proprjetajiet li jaqgħu taħt l-Awtorità tad-Djar mill-2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

23/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li n-nefqa totali fuq il-manutenzjoni tal-proprjetajiet li jaqgħu taħt l-Awtorità tad-Djar minn Jannar tal-2025 sal-24 ta' Ġunju 2026 kienet ta' €4,676,400.14.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**PROĠETTI - TRAFFIC IMPACT ASSESSMENTS JEW INFRASTRUCTURE IMPACT STUDIES**

**174. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarux traffic impact assessments jew infrastructure impact studies qabel l-approvazzjoni ta' proġetti kbar matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li ma kienx hemm il-ħtieġa ta' traffic impact assessments jew infrastructure impact studies b'relazzjoni mal-proġetti li saru fil-perjodu indikat.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**PERMESSI – POLICIES U DIRETTIVI**

**175. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-policies jew directives li ntużaw biex ġew approvati dawk il-permessi li ngħataw matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-applikazzjonijiet għall-iżvilupp jiġu determinati mill-Awtorità tal-Ippjanar skont il-qafas leġiżlattiv u regolatorju applikabbli, inklużi l-policies, il-pjanijiet u l-linji gwida rilevanti li jkunu fis-seħħ fiż-żmien meta tkun qed tiġi evalwata kull applikazzjoni. Kull applikazzjoni tiġi kkunsidrata fuq il-merti tagħha. Il-proċess tal-ippjanar huwa, fil-parti l-kbira tiegħu, wieħed pubbliku u trasparenti, li jinkludi d-dritt ta' rappreżentazzjoni minn partijiet terzi, seduti pubbliċi quddiem il-bordijiet kompetenti u kummissjonijiet fejn applikabbli, kif ukoll id-dritt ta' appell skont il-liġi.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**ENFORCEMENT NOTICES FUQ XOGĦLIJIET TA' KOSTRUZZJONI**

**176. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il enforcement notice nħarġet relatata ma' xogħlijiet ta' kostruzzjoni li bdew mingħajr permess, jew bi ksur tal-permess approvat, matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li waqt spezzjonijiet ta' rutina jew ilmenti mibgħuta mill-pubbliku ġenerali lill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol, din sabet total ta' 260 sit li ma kinux konformi u li nħarġitilhom ordni ta' twaqqif mix-xogħol. Minn dawn, sitta u ħamsin 56 sit ta' kostruzzjoni nstabu li bdew ix-xogħol mingħajr il-permessi meħtieġa mill-istess Awtorità.
Dawn is-siti kollha ġew ordnati jieqfu mix-xogħol sakemm ġew konformi skont l-obbligi legali relatati ma' nuqqasijiet dwar il-kostruzzjoni maħruġa mill-istess Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol.
Fir-rigward tal-Awtorità tal-Bini u Kostruzzjoni, fix-xhur imsemmija inħarġu 3,001 notifika ta' stop works, li 49 minnhom saru b'enforcement notice. Dawn l-istop works notices joħorġu kemm mid-Dipartiment tal-permessi, konsegwenza ta' dokumenti jew poloz ta' assigurazzjoni skaduti, u kif ukoll mid-Dipartiment tal-infurzar, jekk jiġi nnutat xi ħaġa fuq is-sit li ma jkunx skond il-permess approvat.
B'kollox, fix-xhur imsemmija inħarġu wkoll 146 multa filwaqt li ma ġie revokat l-ebda permess.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**ENFORCEMENT NOTICES – XOGĦLIJIET TA' KOSTRUZZJONI**

**177. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-enforcement notices relatati ma' xogħlijiet ta' kostruzzjoni li bdew mingħajr permess, jew bi ksur tal-permess approvat, u li nħarġu matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026, wasslu għal:
(i) sospensjoni tax-xogħol;
(ii) multi; jew
(iii) revoka ta' permessi?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi fix-xhur imsemmija l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurta fuq il-post tax-xogħol ħarġet 260 ordni ta' twaqqif mix-xogħol u 98 multa. Minn naħa tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni, fl-istess xhur inħarġu 3,001 notifika ta' stop works li 49 minnhom saru b'enforcement notice. Fl-istess perjodu nħarġu wkoll 146 multa.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**ŻVILUPPATURI JEW KUMPANIJI LI NGĦATAW AKTAR MINN TLIET PERMESSI**

**178. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il iżviluppatur jew kumpanija kisbu aktar minn tliet permessi differenti matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026, tlettax -il persuna jew kumpanija kisbu aktar minn tliet permessi differenti kull wieħed.
L-informazzjoni inġabret mis-sistema elettronika tal-Awtorità tal-Ippjanar fid-9 ta' Lulju 2026, u l-persuni ntgħażlu abbażi tan-Numru ta' Reġistrazzjoni tal-Kumpanija jew numru tal-Karta tal-Identità (skont kif relevanti), kif provduti fl-applikazzjonijiet sottomessi lill-Awtorità tal-Ippjanar.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**CONSTRUCTION PERMITS - INVESTIGAZZJONIJIET**

**179. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx każijiet taħt investigazzjoni relatati ma' alleged irregularities jew conflicts of interest fil-proċess tal-approvazzjoni ta' construction permits?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi mid-data ta' meta ġiet intavolata din il-mistoqsija sakemm saret ir-risposta, jirriżulta li hemm każ wieħed. Dan il-każ jinvolvi impjegat tal-Awtorità, peress li ġiet sottomessa applikazzjoni f'ismu u ma għamilx dikjarazzjoni ta' kunflitt ta' interess skont l-Artikolu 13 tal-Att Dwar l-Ippjanar (Kap 552).

Seduta Numru 10
13/07/2026

**L-ISTRETT TA' HORMUZ – VAPURI REĠISTRATI F'MALTA**

**238. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm vapuri li jtajru l-bandiera Maltija maqbuda fl-istrett ta' Hormuz?

24/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi sal-lum hemm 26 bastiment irreġistrati taħt il-bandiera Maltija li jinsabu fil-Golf Persjan u 3 bastimenti fil-Golf ta' Oman (fuq iż-żewġ naħat tal-Istrett ta' Hormuz). Madankollu. dan ma jfissirx li huma kollha maqbulin fiż-żona tal-kunflitt.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**VOLONTARJAT – GĦAJNUNIET FINANZJARJI**

**239. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid jekk jingħatawx għajnuniet finanzjarji fil-qasam tal-volontarjat u jekk iva, kemm u f'liema oqsma jingħataw?

24/06/2026

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-appoġġ lill-organizzazzjonijiet volontarji jifforma parti integrali mill-ħidma tal-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat. Dan l-appoġġ jingħata permezz ta' diversi skemi, fondi u inizjattivi li jitħabbru pubblikament minn żmien għal żmien fuq il-portal tal-MCVS.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**INFERMIERA SPEĊJALIZZATI FIL-QASAM TAL-MEDIĊINA**

**240. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx infermiera speċjalizzati fil-qasam tal-mediċina li jaħdmu fiha bħal pereżempju fil-kardjoloġija jew ġerantoloġija?

24/06/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta hija fl-affermattiv.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**BERĠA TAS-SIĠĠIEWI – SERVIZZI**

**241. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'servizzi tas-saħħa jingħataw fil-Berġa tas-Siġġiewi?

24/06/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-Klinika tal-Komunità tas-Siġġiewi hemm tliet kmamar kliniċi li fihom jiġu offruti diversi servizzi għall-klijenti tad-Dipartiment għall-Kura tas-Saħħa Primarja. Il-Klinika toffri servizz ta' Tabib tal-Familja, servizz ta' Infermiera, servizz ta' Flebotomija (tneħħija tad-demm), servizz ta' Speech Language Pathology, servizzi ta' Podjatrija, servizzi ta' Fiżjoterapija u servizz ta' Psikoloġija.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**BERĠA TAS-SIĠĠIEWI – TOBBA**

**242. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kull meta jkun hemm tabib fil-Berġa tas-Siġġiewi?

24/06/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-Klinika tal-Komunità tas-Siġġiewi is-servizz tat-Tabib tal-Familja jiġi offrut darbtejn fil-ġimgħa, nhar ta' Tnejn u nhar ta' Tlieta.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**GOZO CHANNEL – TENDER ĠDID GĦALL-PROVVISTA TA' VAPUR – MIŻURI**

**468. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri ttieħdu sabiex jiġi żgurat li t-tender il-ġdid għall-provvista ta' vapur għall-Gozo Channel ikun miftuħ għal kompetizzjoni effettiva u ma jkunx imfassal b'tali mod li ma jirċievi l-ebda offerta konformi, bil-konsegwenza li l-Gozo Channel terġa' tiddependi fuq il-vapur Nikolaus?

30/06/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li t-tender ġie mfassal skont il-prinċipji ta' trasparenza, trattament ugwali u kompetizzjoni ġusta, u bi kriterji ċari u mhux diskriminatorji. Dan sar biex tkun attirata parteċipazzjoni effettiva minn operaturi ekonomiċi kwalifikati. L-ispeċifikazzjonijiet ġew stabbiliti b'mod proporzjonat għall-ħtiġijiet operattivi tal-kumpanija Gozo Channel. Id-dettalji kollha relatati ma' dan it-tender huma aċċessibbli pubblikament permezz tal-portal tal-akkwisti elettroniċi (EPPS), u dan biex tiġi żgurata trasparenza sħiħa.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**GOZO CHANNEL – KIRJA TAL-VAPUR NIKOLAUS – EVALWAZZJONI**

**469. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-ammont li ntefaq sal-lum fuq il-kirja tal-vapur Nikolaus setax jintuża għal investiment sostanzjali fi flotta ġdida għall-Gozo Channel? Jekk iva, jista' jgħid ukoll x'inhi l-evalwazzjoni li għamel il-Gvern f'dan ir-rigward?

30/06/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-inklużjoni tar-raba' vapur kien – u għadu – pass kruċjali biex jiġi kkumplimentat it-tkabbir ekonomiku bla preċedent li rreġistrat il-gżira Għawdxija fl-aħħar snin; liema tkabbir wassal għal żieda sostanzjali fil-volum ta' passiġġiera li jagħmlu użu mill-vapuri operati mill-kumpanija Gozo Channel. Il-pass li jmiss hu, dak li l-kumpanija jkollha flotta aktar moderna, effiċjenti u reżiljenti biex tkompli tissaħħaħ il-konnettività marittima bejn Malta u Għawdex. Għaldaqstant, fix-xhur li ġejjin se jiġu ppubblikati s-sejħiet għall-offerti għall-akkwist ta' żewġ vapuri ġodda kif ġie imwiegħed fil-manifest elettorali.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**GOZO CHANNEL – FLOTTA ĠDIDA – KOFINANZJAMENT MILL-UE**

**470. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, bediex proċess serju biex jikseb kofinanzjament mill-Unjoni Ewropea għall-investiment fi flotta ġdida tal-Gozo Channel? Jekk le, jista' jgħid ukoll liema passi ttieħdu u f'liema stadju jinsabu?

30/06/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**GOZO CHANNEL – FLOTTA ĠDIDA – OPPORTUNITAJIET TA' FINANZJAMENT**

**471. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid għaliex il-Gvern mhux qed jagħmel użu sħiħ mill-opportunitajiet ta' finanzjament offruti mis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea sabiex jiffinanzja investiment fi flotta ġdida għall-Gozo Channel?

30/06/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**GOZO CHANNEL – FLOTTA ĠDIDA – PJAN**

**472. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-pjan konkret tal-Gvern, b'kronoloġija indikattiva, sabiex jinvesti fi flotta moderna, sostenibbli u effiċjenti għall-Gozo Channel?

30/06/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**GOZO CHANNEL – TENDER GĦALL-PROVVISTA TA' VAPUR – KUNDIZZJONIJIET**

**473. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kundizzjonijiet tas-sejħa għall-offerti (tender) għall-provvista ta' vapur għall-Gozo Channel?

30/06/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant biex jispeċifika għal liema tender qed jirreferi.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**SWIMMING ZONES**

**514. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kif jiġu stabbiliti s-swimming zones? Jista' jgħid ukoll x'inhi l-proċedura biex bajja tiġi inkluża bħala swimming zone?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**KUNSILLI LOKALI – PROPRJETAJIET TAL-GVERN**

**555. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 110 u jgħid kemm-il proprjetà tal-Gvern għaddiet b'kirja jew ċens lill-kunsilli lokali, bejn l-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll liema kunsilli ngħataw dawn il-proprjetajiet mill-Awtorità tal-Artijiet, u f'kull każ jgħid liema proprjetà u lil liema kunsill?

01/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellanta li l-informazzjoni mitluba qiegħda titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**SPTARIJIET TAL-GVERN – IMPJEGATI**

**556. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 114 u jgħid kemm huwa n-numru ta' persuni impjegati fl-isptarijiet differenti tal-Gvern, u jaqsam din l-informazzjoni skont il-kategoriji ta' impjiegi stabbiliti għas-servizzi varji li huma meħtieġa f'kull livell? F'kull kategorija ta' impjieg, jista' jgħid ukoll kemm minn dawn il-ħaddiema huma Maltin u kemm huma ta' nazzjonalità mhux Maltija?

01/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**GŻEJJER TA' SAN PAWL – STATWA TA' SAN PAWL – FLOODLIGHT**

**557. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tara li l-istatwa ta' San Pawl fuq il-Gżejjer ta' San Pawl, tiġi 'floodlit' bħalma kienet għal diversi snin fil-passat?

01/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninsab infurmata li l-Aġenzija għar-Riġenerazzjoni taż-Żoni Turistiċi qed tikkoordina t-tiswijiet meħtieġa fuq is-sistema fotovoltajka sabiex l-istatwa ta' San Pawl fuq il-Gżejjer ta' San Pawl terġa' tixgħel kif dejjem għamlet tul dawn l-aħħar snin. Il-ħsarat irrapurtati fuq is-sistema tad-dawl huma estensivi.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**GŻEJJER TA' SAN PAWL – STATWA TA' SAN PAWL – FLOODLIGHT**

**558. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jara li l-istatwa ta' San Pawl fuq il-Gżejjer ta' San Pawl, tiġi 'floodlit' bħalma kienet għal diversi snin fil-passat?

01/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant tagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**ĦAŻ-ŻABBAR – TRIQ SANTA DUMINKA – ŻONA PEDONALI**

**650. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid meta hu maħsub li l-parti d-dejqa ta' Triq Santa Duminka f'Ħaż-Żabbar, issir żona pedonali?

01/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li x-xogħol sabiex l-parti d-dejqa ta' Triq Santa Duminka issir żona pedonali, jibda wara li jitlestew ix-xogħlijiet ġo Triq Lia, Żabbar.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**ĦAŻ-ŻABBAR – TRIQ SANTA DUMINKA – ŻONA PEDONALI**

**651. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid meta hu maħsub li l-parti d-dejqa ta' Triq Santa Duminka f'Ħaż-Żabbar, issir żona pedonali?

01/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellanta sabiex tagħmel il-mistoqsija tagħha lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**ĦAŻ-ŻABBAR – MISRAĦ SAN ĠAKBU – XOGĦLIJIET**

**652. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid meta se jibdew u sa meta se jitlestew ix-xogħlijiet f'Misraħ San Ġakbu, f'Ħaż-Żabbar?

01/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li Infrastruttura Malta għadha fil-fażi ta' disinn tal-proġett ta' rinovar ippjanat għal Misraħ San Ġakbu. L-Aġenzija fil-fatt ġabet permess ta' żvilupp għal dan is-sit mill-Awtorità tal-Ippjanar u bħalissa qed tkompli taħdem fuq id-dettalji ta' disinn li proġett fil-qalba ta' raħal bħal dan jistħoqqlu.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**ĦAŻ-ŻABBAR – MISRAĦ SAN ĠAKBU – XOGĦLIJIET**

**653. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid meta se jibdew u sa meta se jitlestew ix-xogħlijiet f'Misraħ San Ġakbu, f'Ħaż-Żabbar?

01/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellanta tindika għal liema xogħlijiet qed issir referenza sabiex tkun tista' tingħata t-tweġiba mitluba.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**ŻONI TURISTIĊI**

**654. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid liem huma l-lokalitajiet li huma identifikati bħala żoni turistiċi? Jista' jgħid ukoll liema żoni huma kkunsidrati bħala żoni turistiċi?

01/07/2026

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista ta' lokalitajiet u toroq definiti bħala 'Żoni Turistiċi' għall-fini ta' S.L.623.08.
Din il-lista tidher ukoll fuq is-sit elettroniku https://mta.com.mt/news/cessation-demolition-and-excavation-works-summer-tourist-zones-2026/

Seduta Numru 10
13/07/2026

**ŻONI TURISTIĊI**

**655. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid liem huma l-lokalitajiet li huma identifikati bħala żoni turistiċi? Tista' tgħid ukoll liema żoni huma kkunsidrati bħala żoni turistiċi?

01/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellanta sabiex tagħmel il-mistoqsija tagħha lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**700. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

01/07/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Risposta tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**MINISTERU GĦALL-ARTI, IL-KULTURA U L-WIRT NAZZJONALI – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**701. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

01/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**MINISTERU GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IL-BENESSERI U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**702. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

01/07/2026

**ONOR. OMAR FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**MINISTERU GĦALL-UGWALJANZA U D-DRITTIJIET ĊIVILI – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**703. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Tista' tgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

01/07/2026

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra

Seduta Numru 10
13/07/2026

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – KPIS**

**704. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk ġewx stabbiliti indikaturi ta' prestazzjoni (KPIs) sabiex jitkejjel l-impatt tal-użu ta' sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan l-Uffiċċju u l-entitajiet tiegħu, u jekk iva, jelenkahom u jindika kif qed jitkejlu?

01/07/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab nfurmat li bħalissa qed tiġi stabbilita bażi strutturata għall-kejl tal-użu u l-impatt tal-AI fi ħdan il-Gvern permezz tal-funzjoni taċ-Chief AI Officer, il-ħolqien tal-AI Governance Unit u l-AI Governance Council, flimkien mal-koordinazzjoni ġenerali ma' korpi nazzjonali bħall-MDIA u l-MITA. Din il-ħidma hija allinjata mal-Istrateġija tal-AI ta' Malta, l-Att tal-AI tal-UE, il-qafas nazzjonali ta' governanza tal-AI, u l-politiki applikabbli tal-ICT tal-Gvern, inkluż GMICT P0123. Dan jinkludi l-immappjar ta' inizjattivi relatati mal-AI, il-valutazzjoni tar-rekwiżiti tal-iskop, tar-riskju u tal-governanza, u l-iżvilupp ta' indikaturi li jkopru l-identifikazzjoni tas-sistema, il-klassifikazzjoni, l-allinjament legali, tal-politika, taċ-ċibersikurezza u tal-protezzjoni tad-data, is-sensibilizzazzjoni tal-uffiċjali, l-impatt operazzjonali, u r-riskji identifikati u indirizzati.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – KPIS**

**705. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk ġewx stabbiliti indikaturi ta' prestazzjoni (KPIs) sabiex jitkejjel l-impatt tal-użu ta' sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tiegħu, u jekk iva, jelenkahom u jindika kif qed jitkejlu?

01/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija nru. 704.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**KNEJJES U KAPPELLI – RESTAWR – GĦAJNUNA FINANZJARJA**

**797. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 116 u jgħid liema knejjes u kappelli qed isir restawr fuqhom permezz ta' għajnuna finanzjarja minn dipartimenti jew awtoritajiet tal-Gvern? Jista' jgħid ukoll b'liema skemi qed isir dan ir-restawr?

02/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**APPUNTAMENTI MA' KONSULENT TAL-ORTOPEDIJA**

**857. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm pazjenti jistennew appuntament ma' konsulent tal-ortopedija u kemm hi twila l-waiting time?

02/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-appuntamenti mal-konsulenti tal-Ortopedija jingħataw skont il-prijorità klinika u d-disponibbiltà tal-klinika. Kull riferta tiġi skedata fl-iqsar żmien possibbli skont il-ħtiġijiet kliniċi tal-pazjent.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**IR-RABAT, MALTA – LIMITI TA' SANTA KATERINA – MATERJAL LI TNEĦĦA**

**858. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm tneħħa materjal li ġie mormi illegalment, magħruf bħala barriera, fil-limiti ta' Santa Katerina, limiti tar-Rabat, Malta?

02/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-sit għadu qed jiġi mmonitorjat mill-awtoritajiet b'mod kontinwu, kemm permezz ta' CCTV kif ukoll bi spezzjonijiet mill-uffiċjali tal-infurzar. Ninsab infurmata li l-filmati tas-sigurtà jikkonfermaw li l-operatur qed jaderixxi mal-projbizzjoni imposta mill-Awtorità tal-Ippjanar (PA) u l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) li ma jidħolx aktar materjal ġewwa s-sit. Infurmata li l-materjal kompla jonqos, però l-volum tiegħu diffiċli jiġi kwantifikat peress li dan qed jiġi riċiklat fis-sit stess. Apparti dan, l-Awtorità għall Ambjent u r-Riżorsi (ERA) u l-Awtorità tal-Ippjanar (PA) qed jistennew figuri konklussivi mill-perit tal-operatur, li mbagħad jiġu konfermati mill-awtoritajiet rilevanti, sabiex jindika l-volumi fuq is-sit.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**L-ISPTAR MATER DEI – CLERKS – ĦLAS GĦALL-UŻU TAL-PARKEĠĠ**

**859. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex membri tal-istaff li jaħdmu bħala clerks ingaġġati mill-kuntrattur qed jintalbu jħallsu l-użu tal-parkeġġ fl-Isptar Mater Dei meta jkunu qed jaqdu dmirhom fis-settur pubbliku?

02/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-deċiżjoni dwar din il-materja ma ttieħditx mill-Isptar Mater Dei. Ma' dawn il-ħaddiema, l-isptar mexa mal-obbligi kuntrattwali tiegħu.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**PERSUNI 'HOMEBOUND' - SERVIZZ TA' HAIRDRESSING**

**886. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta ser ikun qed jibda s-servizz ta' hairdressing għall-persuni 'homebound' u li jgħixu waħedhom? Jista' jgħid ukoll jekk dan is-servizz huwiex ser ikun b'xejn jew bi ħlas, u jekk iva, kemm ser ikun il-ħlas?

03/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li bħalissa qed jiġu evalwati diversi aspetti relatati mal-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Ladarba titlesta l-evalwazzjoni u jiġi determinat il-proċess kollu jitħabbru d-dettalji.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**IL-MOSTA - DAR TAL-ANZJANI - XOGĦOL TA' RINNOVAZZJONI**

**887. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fiex wasal ix-xogħol ta' rinnovazzjoni fid-Dar tal-Anzjani fil-Mosta? Jista' jgħid ukoll kemm ser jiġi jiswa b'kollox dan ix-xogħol?

03/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**L-IMTARFA - DAR TAL-ANZJANI - XOGĦOL TA' RINNOVAZZJONI**

**888. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fiex wasal ix-xogħol ta' rinnovazzjoni fid-Dar tal-Anzjani fl-Imtarfa? Jista' jgħid ukoll kemm ser jiġi jiswa b'kollox dan ix-xogħol?

03/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**ANZJANI LI JGĦIXU FIL-KOMUNITÀ - RESIDENZA SAN VINCENZ DE PAULE - TERAPIJA TAL-KIMOTERAPIJA**

**889. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta l-anzjani li jgħixu fil-komunità ser jibdew jirċievu t-terapija tal-kimoterapija fir-Residenza San Vincenz de Paule? Jista' jgħid ukoll x'tip ta' kanċer ser ikun qed jiġi trattat f'din ir-residenza?

03/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li, fiż-żmien li ġej, ġewwa d-Day Clinic ta' San Vinċenz de Paul se jkun hemm klinika speċjalizzata sabiex tipprovdi trattament għal diversi kundizzjonijiet relatati mad-demm u mard ieħor.
Fl-ewwel fażi tal-operat tagħha, il-klinika se tkun qed toffri diversi trattamenti, bil-għan li skont il-ħtiġijiet identifikati u l-iżvilupp tas-servizz, jiġu estiżi wkoll it-trattamenti offruti.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**CARERS LI JAĦDMU MAL-ANZJANI - SKILLS PASS**

**890. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta ser ikun qed jiġi introdott l-iskills pass għall-carers li jaħdmu mal-anzjani?

03/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani (OPSA) bħalissa għaddejja bi proċess sabiex tiġi ntrodotta u mplimentata skills pass għall-carers li jaħdmu mal-anzjani fiż-żmien li ġej.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**CARERS LI JAĦDMU MAL-ANZJANI - GĦARFIEN BAŻIKU TAL-LINGWA MALTIJA**

**891. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'ser ikun qed isir biex il-carers li jaħdmu mal-anzjani jkollhom għarfien bażiku tal-lingwa Maltija? Jista' jgħid ukoll meta dan ser isir rekwiżit?

03/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-istandards regolatorji maħruġa mill-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani (OPSA) diġà jesiġu li l-istaff li jaħdmu fid-djar tal-anzjani jkollhom taħriġ fil-lingwa Maltija, liema Standard jinsab fir-'Residential Services for Senior Citizens' taħt is-sezzjoni 'Training for Staff'.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**ŻONI UFFIĊJALI GĦALL-GĦAWM MAGĦLUQA**

**944. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid f'liema ġranet kien hemm xi żona uffiċjali għall-għawm li kienet magħluqa jew li fir-rigward tagħha kien hemm rakkomandazzjoni sabiex ma jsirx għawm, mill-1 ta' Mejju 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm kien hemm żoni magħluqa jew soġġetti għal rakkomandazzjoni sabiex ma jsirx għawm f'kull ġurnata matul il-perjodu msemmi?

06/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li bejn l-1 ta' Mejju 2026 u d-data li fiha qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, il-pubbliku ġie avżat li mhux rakkomandat li jsir għawm fiż-żoni uffiċjali għall-għawm indikati fit-tabella hawn taħt:

| Żona uffiċjali għall-għawm | Perjodu | Kawża |
|---|---|---|
| B10 – Bajja tal-Exiles, Tas-Sliema | 26 ta' Mejju 2026 sat-2 ta' Ġunju 2026 | Ħsara fil-medda tad-drenaġġ tat-toilets pubbliċi |
| Żona bejn A13 u A14, Birżebbuġa | 8 ta' Ġunju 2026 sal-15 ta' Ġunju 2026 | Ħsara fid-drenaġġ ta' residenza privata |
| B08 – in-naħa tax-xellug tal-Bajja ta' Balluta | 17 ta' Ġunju 2026 sat-23 ta' Ġunju 2026 | Imblukkar minn skart tal-kostruzzjoni fil-main ewlieni tad-drenaġġ. |
| C23 – Bajja tal-Għażżenin, San Pawl il-Baħar | 27 ta' Ġunju 2026 sat-3 ta' Lulju 2026 | Ħsara f'sistema ta' distribuzzjoni f'mina għall-ilma tax-xita |
| B14 – Qui Si Sana, Tas-Sliema | mill-4 ta' Lulju 2026 sal-11 ta' Lulju 2026 | Ħsara kkawżata minn xogħlijiet fit-triq minn kuntrattur privat. |

Ninsab infurmat ukoll li, apparti s-siti uffiċjali għall-għawm, kien hemm ukoll is-sit mhux uffiċjali għall-għawm f'Ta' Xbiex li għalih inħarġet rakkomandazzjoni sabiex ma jsirx għawm bejn l-4 ta' Ġunju 2026 u l-11 ta' Ġunju 2026 minħabba ħruġ ta' ilma maħmuġ minn *stormwater flood relief*. Dan is-sit, iżda, ma jifformax parti mil-lista uffiċjali taż-żoni għall-għawm.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**INFRASTRUCTURE MALTA – XOGĦLIJIET – VERIFIKI**

**945. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'verifiki jsiru, jekk isiru, qabel Infrastructure Malta twettaq xogħlijiet f'post partikolari, sabiex jiġi assigurat jekk il-post fejn ikun se jsir ix-xogħol huwiex proprjetà tal-Gvern jew proprjetà ta' terzi?

06/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li Infrastruttura Malta tagħmel verifiki billi tissottometti applikazzjoni fuq is-sit tal-Awtorità` tal-Artijiet, Form Gov1.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**AWTORITÀ TAX-XANDIR – MONITORAĠĠ – IMPJEGATI**

**946. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm hemm impjegati mal-Awtorità tax-Xandir li xogħolhom huwa li jagħmlu monitoraġġ ta' dak li jkun qed jixxandar mill-istazzjonijiet tat-televiżjoni u/jew tar-radju?

06/07/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li hemm sitt (6) impjegati jagħmlu xogħol ta' monitoraġġ fl-Awtorità tax-Xandir.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**AWTORITÀ TAX-XANDIR – AKKUŻI – NUQQAS TA' BILANĊ/PARZJALITÀ**

**947. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm-il darba l-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tax-Xandir ħarġet akkużi skont il-liġi kontra x-xandara fejn l-akkuża kienet dwar nuqqas ta' bilanċ jew parzjalità fis-snin 2023, 2024 u 2025, maqsuma sena b'sena?

06/07/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** It-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**AWTORITÀ TAX-XANDIR – AKKUŻI**

**948. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm-il darba l-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tax-Xandir ħarġet akkużi skont il-liġi kontra x-xandara fejn l-akkuża kienet dwar xi ħaġa oħra għajr nuqqas ta' bilanċ jew parzjalità fis-snin 2023, 2024 u 2025, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll x'kien is-suġġett ta' dawn l-akkużi?

06/07/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** It-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**AWTORITÀ TAX-XANDIR – ILMENTI**

**949. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kien hemm ilmenti kontra x-xandara li nstemgħu mill-Awtorità tax-Xandir fis-snin 2023, 2024 u 2025, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-ilmenti kienu minħabba allegat nuqqas ta' bilanċ jew parzjalità?

06/07/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** It-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**INĊIDENTI TAT-TRAFFIKU – IMWIET**

**959. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm mietu persuni kawża ta' inċident tat-traffiku mill-2015 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

06/07/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**INĊIDENTI TAT-TRAFFIKU - IMWIET**

**960. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm mietu persuni kawża ta' inċident tat-traffiku mill-2015 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

06/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**INĊIDENTI TAT-TRAFFIKU - IMWIET**

**961. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm mietu persuni kawża ta' inċident tat-traffiku mill-2015 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

06/07/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' persuni li mietu kawża ta' inċidenti tat-traffiku mis-sena 2015 sal-aħħar ta' Mejju 2026 kien kif jidher fit-tabella:

| Sena | Persuni li mietu kawża ta' inċidenti tat-traffiku |
|---|---|
| 2015 | 11 |
| 2016 | 23* |
| 2017 | 19 |
| 2018 | 18 |
| 2019 | 16 |
| 2020 | 12 |
| 2021 | 9 |
| 2022 | 26 |
| 2023 | 13 |
| 2024 | 12 |
| 2025 | 18 |
| 2026 (sa Mejju) | 5 |
| Total | 182 |

***Iċ-ċifra tinkludi persuna li kienet mixja u li ġarrbet ġrieħi gravi f'inċident li seħħ f'April 2016, u mietet minħabba dawn il-ġrieħi f'Settembru 2016.**

Seduta Numru 10
13/07/2026

**INĊIDENTI TAT-TRAFFIKU - IMWIET**

**962. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti rendikont ta' kemm mietu persuni kawża ta' inċident tat-traffiku mill-2015 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

06/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-Mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**MFSA PENALITAJIET AMMINISTRATTIVI - DRITT TA' APPELL**

**963. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Fid-dawl tal-penali imposti mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) kif ukoll minn regolaturi finanzjarji oħra f'dawn l-aħħar snin, ikkontestati b'suċċess fil-qrati primarjament fuq allegat ksur tal-Kostituzzjoni, u b'referenza għas-sentenza mogħtija mill-Prim Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża f'isem il-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament kontra l-MFSA li ġiet deċiża fis-27 ta' April 2026 u li bħalissa qed tiġi kkontesta, jista' l-Ministru jgħid jekk hux qed jiġi meqjus x'miżuri leġiżlattivi jistgħu jittieħdu biex jiġi rifless dak li qalet il-qorti fejn għarfet il-ħtieġa li jkun hemm dritt ta' appell mid-deċiżjonijiet tal-MFSA dwar penalitajiet amministrattivi imposti minnha lill-qorti, kemm fuq punt ta' liġi kif ukoll punt ta' fatt?

06/07/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) tikkonferma illi l-MFSA kienet qiegħda taħdem fuq proposti biex il-liġi, fuq dan l-aspett, tiġi emendata qabel ma kien hemm id-deċiżjoni tal-Prim Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) tas-27 ta' April 2026. Infatti, dawn il-proposti ġew aċċettati mill- Parlament aktar kmieni din is-sena, permezz ta' ATT Nru XV tal-2026, liema Att għadu irrid jidħol fis-seħħ.
Tali proposti iċċaraw il-fatt illi it-Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji (FST) għandu jkollu ġurisdizzjoni sħiħa sabiex jirrevedi deċiżjonijiet tal-MFSA kemm fuq punti ta' liġi u kemm fuq punti ta' fatt. Apparti minn hekk, dawn il-proposti jgħidu wkoll illi għandu jkun hemm appell lill-Qorti tal-Appell fuq kwistjoni ta' liġi biss, minn deċiżjoni tal- FST.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**REGOLAMENTI DWAR L-UŻU TAL-KAROZZINI - PASSI LEGALI**

**964. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm ittieħdu passi legali minħabba allegat ksur tal-L.S. 439.22 – Regolamenti dwar l-użu tal-Karozzini, mill-2019 sal-aħħar tal-2025, maqsuma sena b'sena?

06/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmata li waqt l-ispezzjonijiet u l-verifiki li saru mill-uffiċjali tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali ma nstab l-ebda ksur tal-leġiżlazzjoni matul is-snin 2023 u 2024, filwaqt li fis-sena 2025, id-Direttorat ħareġ twissija waħda wara li ġew identifikati ċirkostanzi li ġġustifikaw tali azzjoni.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**L-UFFIĊĊJU TAD-DIRETTUR GĦAT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI - UFFIĊJALI**

**965. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hu attwalment in-numru ta' uffiċjali fi ħdan l-Uffiċċju tad-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali li jistgħu jieħdu passi biex jitħarsu n-normi a tenur tal-L.S. 439.22 – Regolamenti dwar l-użu tal-Karozzini?

06/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmata li fil-preżent, id-Direttorat għandu għaxar (10) uffiċjali awtorizzati biex jinfurzaw ir-rekwiżiti legali relatati mal-karozzini. Minn dawn, tmien (8) uffiċjali jwettqu l-ispezzjonijiet regolari relatati mal-karozzini, filwaqt li żewġ (2) uffiċjali oħra jwettqu wkoll spezzjonijiet fuq il-karozzini bħala parti mid-dmirijiet assenjati lilhom, flimkien mar-responsabbiltajiet tagħhom relatati mal-ispezzjonijiet tal-microchipping.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**SKART ORGANIKU - UŻU**

**966. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk l-iskart organiku li jinġabar it-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa, hux qed jintuża kollu fil-proċess tal-Anearobic Digestion u jekk le, kif aktar qed jintuża?

06/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-iskart organiku kollu li jinġabar qed jiġi proċessat fl-impjant u jiġi mdawwar f'enerġija rinnovabbli u kompost. Fis-sena 2025 ġie proċessat ammont rekord ta' aktar minn 36,000 tunnellata ta' skart organiku.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**SKART ORGANIKU - IPPROĊESSAR**

**967. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk l-iskart riċiklabbli li jinġabar fil-borża l-ħadra u/jew griża hux qed jiġi riċiklat kollu? Tista' tgħid ukoll x'inhu l-proċess u kif jiġu proċessati l-komponenti differenti tiegħu?

06/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-iskart kollu miġbur fil-borża l-griża jiġi proċessat fil-Material Recovery Facility (MRF) li tinsab fil-kumpless ECOHIVE, fejn jiġi separat f'diversi flussi ta' skart. Fil-preżent, il-materjal li ma jistax jiġi rkuprat jew riċiklat u li jinstab fil-borża griża (rdf) jammonta għal 25%.
Il-flussi ta' skart li jiġu separati, sussegwentement jitqiegħdu għall-bejgħ biex jintbagħtu barra minn Malta għall-proċess ta' riċiklaġġ. Is-sejħiet kollha għall-bejgħ jiġu pubblikati fuq il-websajt tal-kumpanija https://www.wsm.com.mt/en/sales#gsc.tab=0 biex jiġi żgurat proċess trasparenti u aċċessibbli għall-operaturi ekonomiċi kollha interessati. Dawn il-flussi jinkludu l-karta, il-kartun, il-plastik PET u l-kartun tal-ħalib.
Barra minn hekk, il-materjal residwu (RDF) li jiġi rkuprat mill-borża griża qed jintuża wkoll fi ħdan il-kumpless ECOHIVE bħala saff ta' protezzjoni madwar il-miżbla l-ġdida, biex jipprovdi barriera addizzjonali għal-liner.
Matul is-sena 2025 il-WasteServ esportat ammont rekord ta' aktar minn 23,500 tunnellata ta' materjal riċiklabbli.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**SKART TAL-ĦĠIEĠ - IPPROĊESSAR**

**968. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-ħġieġ li jinġabar hux qed jiġi riċiklat kollu u kif qed jiġi proċessat?

06/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ħġieġ kollu miġbur jiġi proċessat fil-linja awtomatizzata tal-ipproċessar tal-ħġieġ fis-sit ta' Sant'Antnin, Marsaskala. Din il-faċilità tirċievi ħġieġ imħallat u tneħħi minnu l-kontaminanti u l-impuritajiet permezz ta' teknoloġija avvanzata ta' għażla u separazzjoni. Il-ħġieġ jiġi magħżul skont il-kulur tiegħu f'diversi frazzjonijiet. Filwaqt li l-materjal mhux adattat għar-riċiklaġġ jiġi separat bħala rejects.

Permezz ta' dan il-proċess, il-faċilità tipproduċi materjal tal-ħġieġ ta' kwalità għolja (glass cullet) li jkun lest għall-użu dirett mill-manifatturi tal-ħġieġ fil-produzzjoni ta' prodotti ġodda, u b'hekk tikkontribwixxi għall-ekonomija ċirkolari u għall-użu aktar effiċjenti tar-riżorsi. Il-prodott finali jitqiegħed għall-bejgħ biex jintbagħat barra minn Malta għall-proċess ta' riċiklaġġ. Is-sejħiet kollha għall-bejgħ jiġu pubblikati fuq il-websajt tal-kumpanija https://www.wsm.com.mt/en/sales#gsc.tab=0 biex jiġi żgurat proċess trasparenti u aċċessibbli għall-operaturi ekonomiċi kollha interessati.

Matul is-sena 2025 WasteServ esportat ammont rekord ta' aktar minn 23,500 tunnellata ta' materjal riċiklabbli.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**GĦAWDEX - PORT TAL-IMĠARR - STRUTTURA TAT-TINED LI JSERVU BĦALA KENN GĦALL-PASSIĠĠIERI**

**971. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 551 u jgħid jekk l-istruttura tat-tined li sservi bħala kenn għall-passiġġieri li jużaw il-fast ferry fil-Port tal-Imġarr f'Għawdex, hijiex struttura temporanja jew struttura permanenti? Jekk hija struttura temporanja, jista' jgħid meta hemm il-ħsieb li tinbidel għal struttura permanenti li tkun aktar adegwata għall-passiġġieri li jużaw il-fast ferry kemm għall-Belt Valletta kif ukoll għal Buġibba u/jew Tas-Sliema?

07/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajt għall-Mistoqsija Parlamentari Nru. 551.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**IL-BELT VALLETTA – TA' LIESSE – TERMINAL TAL-PASSIĠĠIERI – XOGĦLIJIET**

**972. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 187 u 552 u jgħid meta hu maħsub li jitlesta x-xogħol fuq it-terminal tal-passiġġieri tal-fast ferry li hemm f'Ta' Liesse fil-Belt, Valletta, wara l-ħsarat li ġarrab fil-maltempata ta' Jannar 2026? Jista' jgħid ukoll:
(i) liema xogħlijiet fadal isiru sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari;
(ii) meta huwa ppjanat li jitlestew dawn ix-xogħlijiet; u
(iii) kemm hu stmat b'kollox li ser jiġi jiswa dan ix-xogħol kollu wara l-ħsarat li ġarrab dan it-terminal?

07/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**ATT DWAR IL-KOMPETIZZJONI – ARTIKOLU 5 – INVESTIGAZZJONIJIET**

**973. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 553 u jgħid kemm saru investigazzjonijiet da parti tad-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) minħabba allegat ksur tal-artikolu 5 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap. 379) mill-2019 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll, f'kull każ, x'inhu l-istatus u għal liema settur tirrelata l-investigazzjoni?

07/07/2026

**ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI:** Ninsab infurmat illi rigward allegat ksur tal-artikolu 5 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap. 379) mill-2019 saru sitt (6) investigazzjonijiet fis-setturi tal-Intratteniment, Telekomunikazzjoni, Saħħa, Annimali u Marittimu. Dawn l-investigazzjonijet għadhom pendenti.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**ATT DWAR IL-KOMPETIZZJONI – ARTIKOLU 9 – INVESTIGAZZJONIJIET**

**974. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 554 u jgħid kemm saru investigazzjonijiet da parti tad-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) minħabba allegat ksur tal-artikolu 9 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap. 379) mill-2019 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll, f'kull każ, x'inhu l-istatus u għal liema settur tirrelata l-investigazzjoni?

07/07/2026

**ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: Ninsab infurmat illi rigward allegat ksur tal-artikolu 9 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap. 379) mill-2019 saru seba' (7) investigazzjonijiet fis-setturi tal-Intratteniment, Telekomunikazzjoni, Enerġija, Annimali u Gaming.**
**Żewġ investigazzjonijiet ġew magħluqa filwaqt li l-bqija tal-investigazzjonijiet għadhom pendenti.**

Seduta Numru 10
13/07/2026

**MARSASKALA - TAL-FAJTATA - PARKEĠĠ - XOGĦLIJIET**

**981. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: B'referenza għax-xogħol imwettaq minn Infrastructure Malta fil-parkeġġ tal-Fajtata, f'Marsaskala, li pjanta dwarha qed tingħata separatament, jista' l-Ministru jagħti dettalji f'tabella dwar liema żona/art ġiet esproprjata, meta nbeda u ġie tterminat l-proċess, u d-data ta' liema Gazzetta tal-Gvern ħarġet it-talba?

07/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ u tal-proċessi li għadhom għaddejjin, ma jkunx xieraq, li f'dan l-istadju, tiġi preġudikata l-pożizzjoni legali tal-Aġenzija dwar il-materja inkwistjoni.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**MARSASKALA - TAL-FAJTATA - PARKEĠĠ - XOGĦLIJIET**

**982. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: B'referenza għax-xogħol imwettaq minn Infrastructure Malta fil-parkeġġ tal-Fajtata, f'Marsaskala, li pjanta dwarha qed tingħata separatament, jista' l-Ministru jagħti dettalji f'tabella dwar x'tip ta' xogħol sar u kemm ġie jiswa dan ix-xogħol?

07/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ u tal-proċessi li għadhom għaddejjin, ma jkunx xieraq, li f'dan l-istadju, tiġi preġudikata l-pożizzjoni legali tal-Aġenzija dwar il-materja inkwistjoni.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**MARSASKALA - TAL-FAJTATA - PARKEĠĠ - XOGĦLIJIET**

**983. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: B'referenza għax-xogħol imwettaq minn Infrastructure Malta fil-parkeġġ tal-Fajtata, f'Marsaskala, li pjanta dwarha qed tingħata separatament, u ġaladarba din iż-żona mhux parti minn triq skedata, jista' l-Ministru jagħti d-dettalji dwar il-permess tal-iżvilupp relatat ma' dawn ix-xogħlijiet?

07/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ u tal-proċessi li għadhom għaddejjin, ma jkunx xieraq, li f'dan l-istadju, tiġi preġudikata l-pożizzjoni legali tal-Aġenzija dwar il-materja inkwistjoni.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**MARSASKALA - TAL-FAJTATA - PARKEĠĠ - XOGĦLIJIET**

**984. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: B'referenza għax-xogħol imwettaq minn Infrastructure Malta fil-parkeġġ tal-Fajtata, f'Marsaskala, li pjanta dwarha qed tingħata separatament, jista' l-Ministru jagħti dettalji f'tabella dwar liema żona/art ġiet esproprjata, meta nbeda u ġie tterminat l-proċess, u d-data ta' liema Gazzetta tal-Gvern ħarġet it-talba?

07/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**IS-SIĠĠIEWI – PROĠETT TA' GĦAR LAPSI – SPIŻA**

**985. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 829 u tagħti dettalji tal-ispiża tal-proġett ta' Għar Lapsi, fis-Siġġiewi, wara l-maltempata Harry u tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-Bill of Quantities ta' dan il-proġett?

07/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninforma lill-Onor Interpellant li fil-mument l-informazzjoni li qiegħed jitlob ma tistax tingħata minħabba li l-proġett għaddej. Kif diġà spjegajtlu, fit-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari Nru. 828, dan il-proġett, huwa maqsum fi tlett fażijiet. L-ewwel fażi tinkludi t-tiswija tar-rampa u l-bini ta' turġien, kif ukoll il-bini mill-ġdid ta' jetty għall-għawwiema. Malli tkun konkluża din il-fażi, il-proġett se jgħaddi għall-bini mill-ġdid tal-iskall għall-bajja u t-tqegħid ta' blat tal-qawwi (li ser jittella' mill-istess bajja) sabiex joffri protezzjoni mill-mewġ lil dan l-iskall. L-aħħar fażi se tikkonsisti f'interventi ta' konsolidament tal-irdum u li tinkludi ħidma ma' konsulenti ġeotekniċi, li qed iħejju fid-dettall diversi interventi u pjanti meħtieġa għall-konsolidament ta' dan l-irdum, sabiex tittejjeb s-sigurtà tan-nies li jiffrekwentaw din il-bajja. Infurmata li bħalma jiġri dejjem, ikunu segwiti l-proċeduri applikabbli li joħorġu mir-regolamenti dwar l-akkwist pubbliku. Il-Gvern jibqa' impenjat li jwettaq dawn l-interventi bl-ogħla standards ta' sigurtà u kwalità.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**IS-SIĠĠIEWI – TRIQ BUR IL-KBIR – PROĠETT**

**986. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 830 u jagħti dettalji tal-fażijiet u timeframes tal-proġett li għaddej preżentement minn Infrastructure Malta fi Triq ta' Bur il-Kbir, fis-Siġġiewi u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-pjanti ta' dan il-proġett?

07/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li x-xogħlijiet fi Triq Bur il-Kbir mixjin tajjeb, fejn preżentement sar madwar 70% tat-twessiegħ ippjanat. Matul ix-xhur tas-Sajf it-triq ser tkun qed tingħalaq b'mod totali, sabiex ikunu jistgħu jsiru l-kumplament tax-xogħlijiet tat-twessiegħ li minħabba l-livelli tal-għelieqi u d-djuq tat-triq ma jippermettux li jsiru waqt li t-triq tkun parzjalment miftuħa għall-karozzi. Il-pjan hu li t-triq titlesta b'mod totali, u terġa tinfetaħ lura għall-vetturi sa qabel il-ftuħ tal-iskejjel.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**IL-MELLIEĦA – LIBRERIJA PUBBLIKA – ARRANĠAMENTI ALTERNATTIVI**

**992. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 486 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport u jgħid x'arranġamenti alternattivi ser jingħataw lill-istudenti u lir-residenti tal-Mellieħa wara l-għeluq tal-librerija pubblika fil-Mellieħa? Jista' jgħid ukoll meta dawn l-arranġamenti ser jidħlu fis-seħħ?

07/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**SAN PAWL IL-BAĦAR U L-MELLIEĦA – BYPASS – ROTOT ALTERNATTIVI**

**993. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 487 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli u jgħid x'xogħlijiet, studji jew pjanijiet saru s'issa dwar rotot alternattivi mill-bypass ta' San Pawl il-Baħar lejn il-Mellieħa? Jista' jgħid ukoll meta hu ppjanat li jibdew ix-xogħlijiet relattivi?

07/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li bħalissa, Infrastructure Malta qiegħda tivvaluta numru ta' proposti.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**VETTURI RREĠISTRATI F'MALTA**

**994. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 488 u jgħid kemm hawn vetturi rreġistrati f'Malta, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma skont kull kategorija ta' vettura?

07/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-ammont ta' vetturi liċenzjati, sal-aħħar ta' Marzu, f'Malta maqsum skont il-kategoriji.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**IS-SERVIZZ U S-SETTUR PUBBLIKU – ĦADDIEMA LI JAĦDMU B'MOD REMOT**

**995. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 489 u jgħid kemm hemm ħaddiema fis-Servizz Pubbliku u s-Settur Pubbliku li, skont in-natura tax-xogħol tagħhom, jistgħu jaħdmu b'mod remot, u kemm minnhom diġà qegħdin jaħdmu b'mod remot? Jista' jgħid ukoll jekk dan ix-xogħol remot isirx fuq bażi full-time, part-time jew hybrid?

07/07/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** It-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**IS-SERVIZZ U S-SETTUR PUBBLIKU – ĦADDIEMA LI JAĦDMU B'MOD REMOT – KUNDIZZJONIJIET/KRITERJI**

**996. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 490 u jgħid liema sezzjonijiet, dipartimenti, direttorati, aġenziji jew entitajiet fis-Servizz Pubbliku u fis-Settur Pubbliku għandhom ħaddiema li jaħdmu b'mod remot, kemm hemm ħaddiema f'kull waħda minnhom, u x'inhuma l-kundizzjonijiet jew kriterji applikabbli biex ħaddiem ikun jista' jaħdem b'mod remot?

07/07/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** It-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**IS-SERVIZZ U S-SETTUR PUBBLIKU – ĦADDIEMA LI MA JISTGĦUX JAĦDMU B'MOD REMOT**

**997. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 491 fl-intier tagħha u jipprovdi tabella li turi, għal kull sezzjoni jew entità fis-Servizz Pubbliku u fis-Settur Pubbliku, in-numru ta' ħaddiema assenjati, in-numru ta' ħaddiema li ma jistgħux jaħdmu b'mod remot, u r-raġuni għaliex?

07/07/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari 491

Seduta Numru 10
13/07/2026

**BCA – LIĠI SUSSIDJARJA 623.06 – KONTRAVENZJONIJIET**

**1000. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 573, jista' l-Ministru jgħid il-kontravenzjonijiet imsemmija għal kemm jammontaw bħala flus, maqsuma separatament? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn il-flus tħallsu?

07/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għada qed tinġabar.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**AMBAXXATUR MALTI GĦAL-LIBJA - INVESTIGAZZJONI**

**1002. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jgħid meta ġiet a konoxxenza tal-Ministeru, li l-Ambaxxatur Malti għal-Libja qiegħed jiġi investigat mill-Pulizija Maltija dwar reati kriminali u nżamm arrestat għal diversi sigħat b'rabta ma' din l-investigazzjoni?

07/07/2026

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li, minkejja li l-Ministeru ma wasallu ebda lment direttament, minn tagħrif li wasal għand is-Segretarju Permanenti, il-Ministeru sar jaf li l-Ambaxxatur ta' Malta għal-Libja beda jiġi investigat mill-Pulizija Maltija fi tmiem ix-xahar ta' Mejju. Minn dak iż-żmien 'l hawn l-Ambaxxatur intalab jibqa' Malta.
Il-funzjonijiet tal-Kap tal-Missjoni f'Tripli qed jitwettqu fuq bażi interim minn uffiċjal diplomatiku anzjan fl-Ambaxxata, skont il-prattika diplomatika u r-regolamenti applikabbli.
Peress li l-każ għadu taħt investigazzjoni tal-Pulizija u jinsab ukoll soġġett għal proċeduri amministrattivi interni, f'dan l-istadju mhuwiex xieraq li jingħataw aktar dettalji li jistgħu jippreġudikaw dawn il-proċessi.
Is-Segretarju Permanenti beda l-proċeduri amministrattivi previsti mir-Regolamenti Dixxiplinari tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku (Avviż Legali 165 tal-2023), li qed jitmexxew skont il-proċeduri stabbiliti."

Seduta Numru 10
13/07/2026

**AMBAXXATUR MALTI GĦAL-LIBJA - INVESTIGAZZJONI**

**1003. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jgħid x'passi ser jittieħdu mill-Ministeru meta sar jaf bl-investigazzjoni tal-Ambaxxatur Malti għal-Libja li qiegħed jiġi investigat mill-Pulizija Maltija dwar reati kriminali?

07/07/2026

**ONOR. CHRIS FEARNE: Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija Parlamentari numru 1002.**

Seduta Numru 10
13/07/2026

**AMBAXXATUR MALTI GĦAL-LIBJA - INVESTIGAZZJONI**

**1004. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jgħid jekk talabx lill-Ambaxxatur Malti għal-Libja jissospendi ruħu u/jew jirriżenja mill-kariga ta' Ambaxxatur meta sar jaf li kien qed jiġi investigat mill-pulizija?

07/07/2026

**ONOR. CHRIS FEARNE: Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija Parlamentari numru 1002.**

Seduta Numru 10
13/07/2026

**AMBAXXATUR MALTI GĦAL-LIBJA - INVESTIGAZZJONI**

**1005. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jgħid jekk irtirax/huwiex ser jirtira l-ħatra tal-Ambaxxatur Malti għal-Libja in vista li dan qiegħed jiġi investigat dwar reati kriminali?

07/07/2026

**ONOR. CHRIS FEARNE: Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija Parlamentari numru 1002.**

Seduta Numru 10
13/07/2026

**AMBAXXATUR MALTI GĦAL-LIBJA - INVESTIGAZZJONI**

**1006. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru talabx lill-Ambaxxatur Malti għal-Libja biex ma jersaqx lejn l-Ambaxxata Maltija fil-Libja in vista li dan qed jiġi investigat kriminalment b'rabta mal-pożizzjoni tiegħu?

07/07/2026

**ONOR. CHRIS FEARNE: Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija Parlamentari numru 1002.**

Seduta Numru 10
13/07/2026

**AMBAXXATUR MALTI GĦAL-LIBJA - INVESTIGAZZJONI**

**1007. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jgħid min bħalissa qiegħed jagħmel ix-xogħol ta' kuljum mistenni mill-Ambaxxatur Malti għal-Libja, stante li dan l-ambaxxatur bħalissa qiegħed jiġi investigat kriminalment?

07/07/2026

**ONOR. CHRIS FEARNE: Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija Parlamentari numru 1002.**

Seduta Numru 10
13/07/2026

**IR-RABAT, MALTA – WIED IL-QLEJGĦA – LAMPI FUQ IL-PONT**

**1009. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid meta ser isiru lampi fuq il-pont li jgħaddi minn fuq Wied il-Qlejgħa, fl-inħawi ta' Koronja, ir-Rabat, Malta?

07/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninsab infurmat li Infrastructure Malta mhux responsabbli mix-xogħlijiet imsemmija mill-Onorevoli Interpellant.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**SPECIAL ACCESS ARRANGEMENTS – STUDENTI FIL-LIVELL INTERMEDJARJU**

**1032. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid x'kien in-numru ta' studenti li bbenefikaw minn Special Access Arrangements fis-snin 2024-2026, fil-livell Intermedjarju (Intermediate Level) f'dawn is-suġġetti :
i. Ingliż;
ii. Malti;
iii. Matematika;
iv. Bioloġija;
v. Physics; u
vi. Chemistry?
Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-istudenti ġew minn skejjel tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti?

07/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-informazzjoni mitluba ngħatatli kif qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Ninsab infurmat li d-differenza bejn it-total ta' Tabella numru 2 meta mqabbla mal-informazzjoni provduta f'Tabella 1, huma n-numru ta' kandidati privati.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**SPECIAL ACCESS ARRANGEMENTS – STUDENTI FIL-LIVELL AVVANZAT**

**1033. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid x'kien in-numru ta' studenti li bbenefikaw minn Special Access Arrangements fis-snin 2024-2026, fil-livell avvanzat (Advanced level) f'dawn is-suġġetti :
i. Ingliż;
ii. Malti;
iii. Matematika;
iv. Bioloġija;
v. Physics; u
vi. Chemistry?
Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-istudenti ġew minn skejjel tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti?

07/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-informazzjoni mitluba hi kif qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Ninsab infurmat li d-differenza bejn it-total ta' Tabella numru 2 meta mqabbla mal-informazzjoni provduta f'Tabella 1, huma n-numru ta' kandidati privati.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**PORT TAL-IMĠARR - LIMITU TA' VELOĊITÀ**

**1034. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid x'kontrolli qegħdin isiru sabiex jiġi żgurat li d-dgħajjes ta' kull tip josservaw il-limitu tal-veloċità fil-Port tal-Imġarr? Jista' jgħid ukoll jekk hux qed jiġi kkunsidrat li jiġu installati cameras jew mezzi oħra ta' sorveljanza sabiex jissaħħaħ l-infurzar tal-liġi f'din iż-żona?

07/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Il-Port tal-Imġarr huwa mmonitorjat mill-Mġarr Local Port Service (Mġarr LPS), li jissorvelja t-traffiku marittimu 24 siegħa kuljum. Il-veloċità tal-bastimenti mgħammra b'Automatic Identification System (AIS) tiġi mmonitorjata permezz ta' tagħmir apposta, filwaqt li s-sistema ta' CCTV u s-sorveljanza diretta mill-uffiċjali jassistu fl-infurzar. Għalhekk, diġà jeżistu mezzi ta' sorveljanza u monitoraġġ fiż-żona.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**EUROVISION SONG CONTEST – NEFQA TOTALI**

**1053. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 501 u jgħid kemm kienet in-nefqa totali tal-Eurovision Song Contest ta' din is-sena? Jista' l-Ministru jagħti wkoll iċ-ċifri separatament dwar:
i. il-marketing tal-kanzunetta f'pajjiżi barranin fosthom billboards, magazines u riklamar;

ii. il-marketing tal-kanzunetta f'pajjiżna fosthom banners, billboards, magazines u riklamar;
iii. l-akkomodazzjoni u t-titjiriet tal-ajru ta' kull pajjiż li l-kantant żar qabel biex isir il-marketing tal-kanzunetta, fosthom l-Awstralja, in-Norveġja, l-Albanija, il-Bulgarija, Ċipru, il-Greċja, ir-Rumanija, l-Ingilterra, San Marino u l-Litwanja;
iv. kemm siefru persuni mal-kantant matul dawn il-vjaġġi kull darba u xi rwol kellu kull wieħed minnhom;
v. kemm telgħu persuni flimkien mal-kantant ġewwa Vjenna bħala parti mill-kontinġent u x'kien l-irwol ta' kull persuna; u
vi. kemm ġew jiswew b'kollox it-titjiriet u l-akkomodazzjoni tal-kontinġent Malti inkluż tal-kantant fi Vjenna?

08/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 33682.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**NOISE POLLUTION – REGOLAMENTI/LIĠIJIET**

**1066. L-ONOR. NORMA CAMILLERI** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk jeżistux regolamenti u/jew liġijiet li jirregolaw "noise pollution" kemm fuq l-art kif ukoll fuq il-baħar? Jekk iva, tista' tgħid min hu responsabbli li jinforza dawn ir-regolamenti u/jew liġijiet?

08/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-istorbju huwa regolat minn diversi liġijiet u regolamenti separati, u l-awtoritajiet responsabbli mill-infurzar jiddependu mis-sors tal-ħoss. Skont in-natura tal-attività, ir-responsabbiltà tista' taqa' taħt entitajiet differenti.
L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) hija responsabbli mill-impatt tal-istorbju fuq l-ambjent, u dan speċifikament għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Valutazzjoni u l-Maniġġjar ta' Ħsejjes fl-Ambjent (L.S. 549.37). L-obbligu prinċipali ta' dawn ir-regolamenti huwa li permezz ta' modelling ta' sorsi speċifiċi bħal pereżempju t-toroq; l-ERA tħejji mapep strateġiċi tal-ħoss u Pjanijiet ta' Azzjoni. F'ċerti każijiet speċifiċi, bħal f'żoni ambjentalment sensittivi jew fejn tirregola industriji kbar, l-ERA ġieli timponi kundizzjonijiet relatati mal-istorbju ambjentali.
Storbju ta' inkonvenjent li jkun ġej minn sorsi bħal storbju mill-ġirien u storbju f'postijiet residenzjali, ħsejjes f'postijiet tax-xogħol, siti ta' kostruzzjoni jew attivitajiet ta' divertiment, u aspetti li jaffettaw is-saħħa pubblika, jaqgħu taħt il-kompetenza ta' Awtoritajiet kompetenti oħrajn.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**SKART DOMESTIKU – INFURZAR**

**1067. L-ONOR. NORMA CAMILLERI** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk hux qed isir infurzar fuq min joħroġ skart domestiku mhux skont l-iskeda kif ukoll lil min mhux qed jissepara l-iskart? Jekk iva, tista' l-Ministru tagħti ċifri ta' kemm inġabru multi mill-bidu tas-sena sal-aħħar ta' Ġunju?

08/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) kontinwament twettaq eżerċizzji ta' monitoraġġ u nfurzar madwar il-gżejjer Maltin kemm rigward min joħroġ skart mhux skont l-Iskeda Nazzjonali għall-Ġbir tal-Iskart kif ukoll fuq min joħroġ l-iskart mingħajr ma jisseparah.
Infurmata li minn Jannar 2026 sa Ġunju 2026, l-Awtorità ħarġet 437 multa fuq skart maħruġ mhux skont l-iskeda ta' ġbir ta' skart. Ta' min ifakkar li l-infurzar rigward taħlit ta' skart fil-boroż huwa suġġett għall-Ittra ta'

Twissija bħala l-ewwel azzjoni ta' nfurzar, imbagħad multa li l-ammont tagħha jiddependi minn jekk l-iskart oriġinax minn stabbiliment kummerċjali jew sors domestiku. F'dan ir-rigward sal-aħħar ta' April 2026 inħarġu 357 ittra ta' Twissija, u nħarġu 4 multi fuq persuni li nqabdu iktar minn darba jħalltu l-iskart. Dawn il-figuri jappartjenu għall-ERA biss.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**IL-MOSTA – ŻONA TA' MLIT – AKKOMODAZZJONIJIET SOĊJALI**

**1074. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm blokok ta' appartamenti tal-akkomodazzjoni soċjali fiż-żona Ta' Mlit, il-Mosta u kemm hu n-numru ta' appartamenti f'kull blokka?

08/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellanta li ż-żona Ta' Mlit, fil-Mosta tikkonsisti fi 28 blokka ta' appartamenti. B'kollox hemm total ta 216 -il appartament. Qiegħda titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi dawn il-blokok fid-dettal.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**IL-MOSTA – ŻONA TA' MLIT – AKKOMODAZZJONIJIET SOĊJALI – LIFTS**

**1075. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid f'liema mill-blokok ta' appartamenti tal-akkomodazzjoni soċjali fiż-żona Ta' Mlit, il-Mosta ġew installati lifts għall-użu tar-residenti? Jista' jgħid ukoll f'liema sena ġie installat il-lift f'kull blokka u jekk dawn il-lifts humiex kollha operattivi fil-preżent?

08/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li bejn l-2020 u l-2024 ġew installati tlettax-il lift fil-blokok imsemmija hawn taħt:
2020 – Block C1 Ent A u Block B3
2021 – Block D2
2022 – Block F4 u Block G4
2023 – Block A2, Block B2, Block C3, Block D3, Block G1, Block G3, Block B4 u Block C5
2024 – Block F1
F'każ li lift ikun wieqaf, ir-residenti għandhom jirrapportaw il-ħsara direttament lill-kuntrattur jew lill-fornitur responsabbli mill-manutenzjoni tiegħu. F'każ li l-ħsarat ikunu qed iseħħu b'mod frekwenti, ir-residenti huma mitluba jinfurmaw ukoll lill-Awtorità sabiex tkun tista' tieħu l-passi meħtieġa. Fil-preżent, m'għandna l-ebda indikazzjoni jew rapport li jindika li hemm liftijiet wieqfa.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**IL-MOSTA – ŻONA TA' MLIT – AKKOMODAZZJONIJIET SOĊJALI – LIFTS – XOGĦLIJIET**

**1076. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid f'liema blokok tal-akkomodazzjoni soċjali f'Ta' Mlit, il-Mosta bħalissa nbdew jew jinsabu għaddejjin xogħlijiet għall-installazzjoni ta' lift? Jista' jgħid ukoll f'liema stadju jinsabu x-xogħlijiet f'kull blokka u jagħti data indikattiva għal meta kull lift huwa mistenni li jkun operattiv?

08/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellanta li bħalissa hemm ħames siti miftuħa f'Ta' Mlit, il-Mosta.
• **Blokk D1, Entratura B, Triq il-Gradiljoli** – Bħalissa qed nistennew it-tlestija tal-manifattura tal-istruttura tal-metall tax-xaft tal-lift.
• **Blokk A1, Entratura A, Triq id-Dawr, kif ukoll Blokok A4 u A5, Triq il-Gżari, u Blokk C2, Triq il-Planċ** – L-ordni biex jibdew ix-xogħlijiet ser tinħareġ dan ix-xahar. Il-kunsinna tal-lifts hija prevista għall-bidu tas-sena 2027.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**IL-MOSTA – ŻONA TA' MLIT – AKKOMODAZZJONIJIET SOĊJALI – LIFTS – APPLIKAZZJONIJIET**

**1077. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il applikazzjoni għall-installazzjoni ta' lift fi blokok tal-akkomodazzjoni soċjali f'Ta' Mlit, il-Mosta, tinsab pendenti? Jista' wkoll jelenka l-blokok rispettivi u l-istadju li fih jinsab il-proċess għal kull blokka?

08/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li bħalissa hemm erba' applikazzjonijiet attivi fi stadji varji ta' progress, kif deskritt hawn taħt:
1. Blokk F2, Triq in-Nasba, Mosta – Il-permess tal-ippjanar ingħata, u l-pjanti tal-kostruzzjoni u l-istima tax-xogħlijiet qed jiġu ppreparati.
2. Blokk D1, Entratura B, Triq il-Gradiljoli, Mosta – Il-permess tal-ippjanar ingħata, u l-pjanti tal-kostruzzjoni u l-istima tax-xogħlijiet qed jiġu ppreparati.
3. Blokk B1, Triq id-Dawr, Mosta – Ix-xogħlijiet ġew assenjati lil kuntrattur. Il-kostruzzjoni hija mistennija li tibda ġaladarba l-kuntrattur ikun lesta s-siti miftuħa li bħalissa huma assenjati lil l-istess kuntrattur.
4. Blokk A3, Triq il-Gżari, Mosta – L-applikazzjoni bħalissa qed tiġi riveduta mid-Dipartiment tal-Iskemi biex tiġi ddeterminata l-eliġibilità.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**IL-MOSTA – ŻONA TA' MLIT – AKKOMODAZZJONIJIET SOĊJALI – LIFTS**

**1078. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm blokok tal-akkomodazzjoni soċjali f'Ta' Mlit, il-Mosta, li fil-preżent m'għandhomx lift u li għalihom la hemm xogħlijiet ta' installazzjoni għaddejjin u lanqas applikazzjoni pendenti? Jista' wkoll jelenka dawn il-blokok?

08/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellanta illi fiż-żona ta' Mlit ġewwa l-Mosta, hemm is-segwenti blokok li fil-preżent m'għandhomx lift u li għalihom la hemm xogħolijiet ta' installazzjoni u lanqas applikazzjonijiet pendenti:
Blokk A1 Entratura B, Blokk C1 Entratura B, Blokk F5 Entraturi A u B, Blokk G2, Blokk K1 u Blokk K2.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**BLOKOK TAL-GVERN – RAMPA TA' AĊĊESS FID-DAĦLA/ĦRUĠ – INSTALLAZZJONI**

**1079. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-proċess li persuna b'diżabilità, residenti fi blokka tal-Gvern, għandha ssegwi sabiex tressaq talba għall-installazzjoni ta' rampa ta' aċċess fid-daħla jew il-ħruġ tal-blokka fejn tirrisjedi?

08/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li, fil-proġetti ġodda għall-installazzjoni ta' lifts fi blokok tal-Gvern, l-installazzjoni ta' rampi ta' aċċess qed tiġi kkunsidrata bħala parti integrali mill-proġett. Fejn ma jkunx hemm proġett għall-installazzjoni ta' lift, persuna b'diffikultajiet ta' mobilità, tista' tikkuntattja lis-Servizz tal-*Customer Care* tal-Awtorità tad-Djar u tressaq talba għall-rampa. Fit-talba għandhom jiġu pprovduti:
- l-isem u d-dettalji tal-persuna fil-bżonn;
- numru tat telefon, indirizz ta' posta elettronika tal-applikant u
- l-indirizz sħiħ tal-blokka kkonċernata.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**ĦAL QORMI – TRIQ IL-KBIRA – AKKWIST TAL-PROPRJETÀ U L-ĠNIEN TAT-TABIB MAEMPEL**

**1098. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk il-Gvern hux lest jevalwa l-possibbiltà li jakkwista l-proprjetà storika magħrufa bħala tat-Tabib Maempel fi Triq il-Kbira, f'Ħal Qormi, inkluż il-ġnien storiku tagħha, sabiex din tiġi restawrata u mħarsa għall-ġid komuni?

08/07/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**ĦAL QORMI – TRIQ IL-KBIRA – AKKWIST TAL-PROPRJETÀ U L-ĠNIEN TAT-TABIB MAEMPEL**

**1099. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-Gvern hux lest jevalwa l-possibbiltà li jakkwista l-proprjetà storika magħrufa bħala tat-Tabib Maempel fi Triq il-Kbira, f'Ħal Qormi, inkluż il-ġnien storiku tagħha, sabiex din tiġi restawrata u mħarsa għall-ġid komuni?

08/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**ĦAL KIRKOP - KULLEĠĠ SAN BENEDITTU - FAĊILITAJIET SPORTIVI**

**1135. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: B'referenza għall-faċilitajiet sportivi fil-Kulleġġ San Benedittu, fil-Kumpless ta' Ħal Kirkop, li skont diversi rapporti ilhom snin jistennew manutenzjoni u investiment, jista' l-Ministru jgħid:
i. jekk inħariġx tender sabiex isiru dawn ix-xogħlijiet u li għalaq fis-6 ta' Marzu 2026;
ii. għaliex, erba' xhur wara l-għeluq tat-tender, ix-xogħlijiet għadhom ma bdewx;
iii. f'liema stadju jinsab il-proċess ta' evalwazzjoni u għoti tat-tender;
iv. meta huwa mistenni li jingħata t-tender, jiġu ffirmati l-kuntratti meħtieġa u jibdew ix-xogħlijiet fuq il-post;
v. x'inhuma x-xogħlijiet li ser isiru u x'inhu l-valur finanzjarju tal-proġett;
vi. kemm-il offerta ġiet sottomessa għal dan it-tender u kemm minnhom instabu konformi mar-rekwiżiti tat-tender;
vii. kemm studenti, atleti, coaches u membri tal-komunità huma mistennija jibbenefikaw minn dan il-proġett; u
viii. x'miżuri qegħdin jittieħdu sabiex jiġi żgurat li ma jkunx hemm aktar dewmien u li dawn il-faċilitajiet jingħataw l-investiment meħtieġ fl-iqsar żmien possibbli?

09/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li t-tender CT2006/2026 għal xogħolijiet fil-faċilitajiet sportivi ta' Ħal Kirkop ġie ppubblikat fit-2 ta' Frar 2026. Infurmat li wara li kien hemm oġġezzjoni pre-kontrattwali mressqa fil-25 ta' Frar 2026, li sussegwentement kienet irtirata minn min għamilha fl-14 ta' Mejju2026, il-perjodu ta' pubblikazzjoni ġie estiż sat-23 ta' Lulju 2026, kif jidher fuq etenders.gov.mt.
Il-proġett jinkludi synthetic rubber flooring, synthetic turf flooring, fencing u sistema ta' floodlights għall-pitch tat-turf.
Il-faċilitajiet se jintużaw mill-istudenti matul il-ħin tal-iskola, filwaqt li SportMalta se tużahom filgħaxija, fi tmiem il-ġimgħa u fil-festi pubbliċi għall-programm Let's Move Malta, attivitajiet ta' organizzazzjonijiet sportivi, avvenimenti sportivi u bħala korsa tal-ġiri għall-komunità.
Infurmat li l-entità li ħarġet it-tender qed issegwi l-proċeduri kollha tax-xiri pubbliku u dawk kuntrattwali u legali sabiex il-proġett jitwettaq skont it-termini tal-kuntratt.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**GĦAQDIET, FEDERAZZJONIJIET, ASSOĊJAZZJONIJIET U KLABBS SPORTIVI - FONDI ALLOKATI**

**1136. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-fondi allokati mill-Gvern, minn SportMalta jew minn kwalunkwe entità pubblika oħra lill-għaqdiet, federazzjonijiet, assoċjazzjonijiet u klabbs sportivi matul is-snin 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, lista dettaljata ta' kull għaqda, federazzjoni, assoċjazzjoni jew klabb sportiv li rċieva finanzjament matul dawn is-snin, filwaqt li għal kull wieħed jindika:
a. l-isem tal-entità;
b. l-ammont mogħti;
ċ. id-data tal-ħlas;
d. l-iskema jew il-programm li taħtu ngħata l-finanzjament; u
e. l-iskop li għalih ingħata l-finanzjament?
Jista' jgħid ukoll:
i. jekk kienx hemm applikazzjonijiet għal finanzjament li ġew miċħuda jew approvati biss parzjalment matul l-istess perjodu u, jekk iva, jippreżenta lista tagħhom flimkien mar-raġunijiet għaliex ma ġewx approvati fl-intier tagħhom;
ii. xi kriterji jintużaw sabiex jiġu evalwati u approvati dawn l-applikazzjonijiet għal finanzjament; u
iii. kemm kien l-ammont totali allokat għall-finanzjament tal-għaqdiet, federazzjonijiet, assoċjazzjonijiet u klabbs sportivi għal kull waħda mis-snin imsemmija?

09/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**FAĊILITAJIET SPORTIVI**

**1137. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tal-faċilitajiet sportivi kollha li jinsabu fi skejjel tal-Gvern, maqsuma skont il-kulleġġ u l-iskola rispettiva u għal kull skola, jindika:
i. x'tip ta' faċilitajiet sportivi hemm (grawnds, gyms, courts, pixxini, tracks, eċċ.);
ii. is-sena li fiha nbnew jew saru l-aħħar xogħlijiet ta' manutenzjoni jew tisbiħ sostanzjali; u
iii. l-kundizzjoni attwali tagħhom?

09/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**FAĊILITAJIET SPORTIVI - MANUTENZJONI**

**1138. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid liema skejjel għandhom faċilitajiet sportivi li bħalissa jeħtieġu manutenzjoni, tiswija jew modernizzazzjoni u x'inhuma x-xogħlijiet meħtieġa f'kull każ?

09/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li l-Edu Infrastructure Programme, programm ta' xogħol fl-iskejjel kollha, mifrux fuq 13 -il sena skont prijoritajiet u li beda fl-2025 jaħseb biex il-faċilitajiet sportivi fl-iskejjel ukoll jinżammu fi stat tajjeb u jsir xogħol meħtieġ skont dan il-programm.
Infurmat ukoll li d-Direttorat tal-Loġistika fi ħdan il-Ministeru huwa wkoll kommess li jgħolli l-livell ta' kull faċilità eżistenti inkluż bl-introduzzjoni ta' faċilitajiet ġodda. Eżempju ta' dan huwa dak li mistenni jsir fix-xhur li ġejjin fl-iskola ta' Kulleġġ San Ġorġ Preca, Skola Sekondarja, Maria Reġina Blata l-Bajda billi ħa jiġu konvertiti xi swali f' ċentru sportiv tal-HYROX.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**FAĊILITAJIET SPORTIVI - MANUTENZJONI**

**1139. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid liema xogħlijiet ta' manutenzjoni, tisbiħ jew kostruzzjoni ta' faċilitajiet sportivi huma ppjanati jew għaddejjin bħalissa fi skejjel tal-Gvern, filwaqt li għal kull proġett jindika:
i. il-baġit allokat;
ii. l-istadju li jinsab fih il-proġett; u
iii. id-data mistennija tat-tlestija?

09/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li r-risposta hi skont tweġiba parlamentari 1138 , filwaqt li iktar tagħrif mgħoddi lili dwar xogħol għaddej bħalissa qed jitpoġġa fuq il-mejda tal-kamra.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**FAĊILITAJIET SPORTIVI - MANUTENZJONI - NEFQA**

**1140. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu fondi fuq manutenzjoni, tiswija u titjib tal-faċilitajiet sportivi fi skejjel tal-Gvern matul is-snin 2023, 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma skont l-iskola?

09/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li matul is-snin imsemmija ntefqu -il fuq minn €20,000,000 fuq manutenzjoni, tiswija u titjib tal-faċilitajiet sportivi fi skejjel tal-Istat.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**QASAM TAS-SAĦĦA – INGAĠĠI MAS-SETTUR PUBBLIKU**

**1142. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il persuna ġiet ingaġġata mas-settur pubbliku fil-qasam tas-saħħa bejn Jannar u Ġunju 2026, maqsuma xahar b'xahar?

09/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**IL-FURJANA – ĊENTRU TAS-SAĦĦA**

**1143. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx pjan biex iċ-ċentru tas-saħħa tal-Furjana jerġa' jinfetaħ fl-intier tiegħu u jekk iva, jekk humiex se jsiru xi xogħlijiet ta' rinnovazzjoni?

09/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari nru. 663.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET BIL-MIKTUB**

**MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA, L-AMBJENT U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR – RAPPORTI TA' FASTIDJU SESSWALI – SENA 2025**

**W110. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm rapporti ta' fastidju sesswali fil-ministeru tagħha fl-2025?

22/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li fis-sena 2025 ma kien hemm ebda rapport ta' fastidju sesswali fil-Ministeru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA, L-AMBJENT U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR – RAPPORTI TA' FASTIDJU SESSWALI – SENA 2025**

**W111. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm rapporti ta' fastidju sesswali f'kull entità li taqa' taħt il-ministeru tagħha fl-2025?

22/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li kien hemm ħames rapporti ta' fastidju sesswali fl-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika, fl-2025, u li, f'erbgħa minnhom, l-impjegati konċernati kienu ħaddiema tal-kuntrattur. F'kull każ ittieħdu l-proċeduri/passi amministrattivi relattivi.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA, L-AMBJENT U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR – RAPPORTI TA' FASTIDJU SESSWALI – SENA 2024**

**W112. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm rapporti ta' fastidju sesswali fil-ministeru tagħha fl-2024?

22/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li fis-sena 2024 ma kien hemm ebda rapport ta' fastidju sesswali fil-Ministeru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA, L-AMBJENT U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR – RAPPORTI TA' FASTIDJU SESSWALI – SENA 2024**

**W113. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm rapporti ta' fastidju sesswali f'kull entità li taqa' taħt il-ministeru tagħha fl-2024?

22/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li kien hemm rapport wieħed ta' fastidju sesswali fl-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika, fl-2024, u ttieħdu l-proċeduri/passi amministrattivi relattivi.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA, L-AMBJENT U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR – FIRST AIDERS IĊĊERTIFIKATI**

**W118. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm first aiders iċċertifikati fil-ministeru tagħha bħalissa?

22/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li fil-preżent hemm 52 first aiders iċċertifikati fil-Ministeru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir u d-dipartimenti li jaqgħu taħtu.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA, L-AMBJENT U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR – FIRST AIDERS IĊĊERTIFIKATI**

**W119. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm first aiders iċċertifikati f'kull entità li taqa' taħt il-ministeru tagħha bħalissa?

22/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li fl-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir li bħalissa hemm 1,096 first aider iċċertifikat li 385 minnhom huma impjegati tal-kuntrattur.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA, L-AMBJENT U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR – DEFIBRILLATORS**

**W120. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm defibrillators fil-binja tal-ministeru tagħha?

22/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li fil-binjiet li jappartjenu lill-Ministeru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir hemm tliet defibrillators.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA, L-AMBJENT U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR – DEFIBRILLATORS**

**W121. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm defibrillators fil-binja ta' kull entità li taqa' taħt il-ministeru tagħha?

22/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li hemm 59 defibrillator fil-binjiet tal-entitajiet li jaqgħu taħt il- Ministeru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR – KAROZZI – SPIŻA ANNWALI**

**W228. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jipprovdi l-ispiża annwali ta' kull karozza (GM) fil-ministeru tiegħu u jekk dawn huma mixtrija, jista' jgħid kemm kienu jiswew meta nxtraw?

22/06/2026

**ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI:** Ninforma lill-Onor Interpellanta li fil-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur hemm karozza waħda GM li hija mikrija f'konformità' mal-proċeduri ta' akkwist pubbliku.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR – RAPPORTI TA' FASTIDJU SESSWALI – SENA 2025**

**W230. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm rapporti ta' fastidju sesswali fil-ministeru tiegħu fl-2025?

22/06/2026

**ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Ministeru għall-Fondi Ewropej, Id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur, kif inhu kompost illum, ma kienx kostitwit fis-sena 2025.**

Seduta Numru 5
30/06/2026

**MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR – RAPPORTI TA' FASTIDJU SESSWALI – SENA 2025**

**W231. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm rapporti ta' fastidju sesswali f'kull entità li taqa' taħt il-ministeru tiegħu fl-2025?

22/06/2026

**ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: Ninsab infurmat li, fl-2025, ma kienx hemm rapporti ta' fastidju sesswali fl-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur**

Seduta Numru 5
30/06/2026

**MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR – RAPPORTI TA' FASTIDJU SESSWALI – SENA 2024**

**W232. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm rapporti ta' fastidju sesswali fil-ministeru tiegħu fl-2024?

22/06/2026

**ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Ministeru għall-Fondi Ewropej, Id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur, kif inhu kompost illum, ma kienx kostitwit fis-sena 2024.**

Seduta Numru 5
30/06/2026

**MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR – RAPPORTI TA' FASTIDJU SESSWALI – SENA 2024**

**W233. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm rapporti ta' fastidju sesswali f'kull entità li taqa' taħt il-ministeru tiegħu fl-2024?

22/06/2026

**ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: Ninsab infurmat li, fl-2024, ma kienx hemm rapporti ta' fastidju sesswali fl-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur**

Seduta Numru 5
30/06/2026

**MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR – FIRST AIDERS IĊĊERTIFIKATI**

**W238. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm first aiders iċċertifikati fil-ministeru tiegħu bħalissa?

22/06/2026

**ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: Ninsab infurmat illi fil-preżent hemm tlieta u tletin (33) first aiders ċċertifikati fil-Ministeru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur u d-dipartimenti li jaqgħu taħtu.**

Seduta Numru 5
30/06/2026

**MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR – FIRST AIDERS IĊĊERTIFIKATI**

**W239. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm first aiders iċċertifikati f'kull entità li taqa' taħt il-ministeru tiegħu bħalissa?

22/06/2026

**ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI:** Ninsab infurmat illi fil-preżent hemm erbatax (14) il-first aider iċċertifikat fl-entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tal-Ministeru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**DJAR TAL-ANZJANI - SPEZZJONIJIET**

**W306. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm saru spezzjonijiet fi djar tal-anzjani biex jaraw li għadhom up to standard?

02/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani bejn Jannar u Ġunju tal-2026 għamlet total ta' 807 spezzjonijiet fid-djar tal-anzjani.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**MFHEA – APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI – EDUKAZZJONI AVVANZATA**

**W335. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandha applikazzjonijiet pendenti l-Awtorità Maltija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA) minn istituzzjonijiet edukattivi li joffru edukazzjoni avvanzata?

06/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li MFHEA kellha 16-il applikazzjoni minn istituzzjonijiet edukattivi li joffru edukazzjoni avvanzata u li bħalissa jinsabu għaddejjin mill-proċess ta' evalwazzjoni.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**MFHEA – APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI – EDUKAZZJONI OGĦLA**

**W336. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandha applikazzjonijiet pendenti l-Awtorità Maltija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA) minn istituzzjonijiet edukattivi li joffru edukazzjoni ogħla?

06/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-MFHEA kellha 20 applikazzjoni minn istituzzjonijiet edukattivi li joffru edukazzjoni ogħla u li bħalissa jinsabu għaddejjin mill-proċess ta' evalwazzjoni.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**MFHEA – APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI – EDUKAZZJONI AVVANZATA U OGĦLA**

**W337. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandha applikazzjonijiet pendenti l-Awtorità Maltija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA) minn istituzzjonijiet edukattivi li joffru edukazzjoni avvanzata u ogħla?

06/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsijiet parlamentari nru 335 u 336.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**MFHEA – APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI – EDUKAZZJONI UNIVERSITARJA**

**W338. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandha applikazzjonijiet pendenti l-Awtorità Maltija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA) minn istituzzjonijiet edukattivi li joffru edukazzjoni universitarja?

06/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li MFHEA kellha żewġ (2) applikazzjonijiet minn istituzzjonijiet edukattivi li joffru edukazzjoni universitarja u li bħalissa jinsabu għaddejjin mill-proċess ta' evalwazzjoni.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**MFHEA – LIĊENZJI MAĦRUĠA U PROGRAMMI EDUKATTIVI AKKREDITATI**

**W341. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu liċenzji mill-Awtorità Maltija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA) f'Mejju 2026, u kemm ġew akkreditati programmi fl-istess xahar? Jista' wkoll jelenka liema kienu l-liċenzji maħruġa u l-programmi edukattivi akkreditati?

06/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li f'Mejju 2026, l-Awtorità Maltija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA), ħarġet liċenzja waħda. Fl-istess perjodu, l-Awtorità akkreditat total ta' għoxrin (20) programm. Qed inpoġġi fuq il-mejda tal-kamra l-lista ta' programmi li ġew akkreditati:

Seduta Numru 10
13/07/2026

**ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA - PROĊEDURA**

**W364. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid x'inhi l-proċedura biex persuna tinnomina lil xi ħadd għal konsiderazzjoni biex jingħata Ġieħ ir-Repubblika?

09/07/2026

a

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għas-sit elettroniku https://opm.gov.mt/useful-links-mt/sistema-ta-unuri-u-ghotjiet/ fejn il-proċess kif ukoll l-formola ta' nominazzjoni jinsabu f'dan il-link li kopja ta' dan it-tagħrif qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**KOPERATTIVI - IMPATT FUQ L-EKONOMIJA**

**W365. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid b'mod reali x'inhu l-impatt li l-koperattivi qed iħallu fuq l-ekonomija f'Malta?

09/07/2026

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** L-Onor. Interpellant huwa ġentilment mitlub jirreferi l-mistoqsija tiegħu lil Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**KOPERATTIVI REĠISTRATI**

**W367. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu n-numru ta' koperattivi li għandna reġistrati bħalissa f'Malta? Jista' jgħid ukoll f'liema kategorija ta' xogħol jaħdmu dawn il-koperattivi?

09/07/2026

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lil Onor. Interpellant In numru ta koperattivi li għandna rreġistrati f'Malta huma 79.
Dawn il-koperattivi joperaw f'dawn il kategoriji:

| **Kategorija** | **No. Ta' Koperattivi** |
|---|---|
| Sajd u Agrikoltura | 20 |
| Kultura | 4 |
| Edukazzjoni | 4 |
| Saħħa u Sigurtà' | 1 |
| Marittimu | 4 |
| Midja | 1 |
| *Medical* | 3 |
| *Retail* | 3 |
| Servizzi | 17 |
| Soċjali | 2 |
| *Spatial* | 1 |
| Sport | 2 |
| Teknoloġija | 4 |
| Trasport | 11 |
| *Workforce* | 2 |
| **Numru totali** | **79** |

Seduta Numru 10
13/07/2026